MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 58/2006/1

**Andrew Meli bhala prokuratur ta' l-assenti Anne Meli nee` Borg**

**vs**

**Joseph u Catherine konjugi Micallef**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Marzu, 2009, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Bord:
>
> Ra r-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Joseph Micallef ;
>
> Illi permezz ta' dan ir-rikors, ir-ritrattant qieghed jitlob umilment u bir-rispett r-ritrattazzjoni ta' s-sentenza moghtija minn dan il-Bord fit-12 ta' Dicembru, 2007 fl-ismijiet, Andew Meli bhala

prokuratur ta' l-assenti Anne Meli nee' Borg vs Joseph u Catherine konjugi Micallef, fejn il-konvenuti gew ordnati jizgombraw mill-fond 120, Triq Blanche Huber, Sliema, u li l-atturi inghataw lura l-pussess tal-istess fond imsemmi, bl-ispejjez kontra ir-ritrattanti;

Illi r-ritrattant qieghed jipprezenta dan ir-rikors a tenur ta' l-Artikolu 811(a)(b) u (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi s-sentenza hawn fuq attakkata ttiehdet b'qerq mill-attur bi hsara ghall-esponent u in subsidium peress illi l-avviz tal-kawza qatt ma gie nnotifikat lill-esponent hekk kif titlob il-Ligi u oltre il-persuna notifikata fil-kawza, ma kienitx persuna legittima kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;

Illi fl-ewwel lok, ir-rittrattant qieghed jinterponi minn dan il-mezz straordinarju tar-ritrattazzjoni peress illi l-attur kiseb sentenza favur tieghu bl-ezercizzju ta' qerq u b'difett procedurali fit-tqassim ta' notifika lill-esponent, u dan stante illi mart l-esponent, cioe Catherine Micallef ma hiex persuna kapaci illi tidher u tifhem u taghti xhieda ta' din in-notifika, kif jipprovdi l-Artikolu 187 (1) tal-Kap 12;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent umilment u bir-rispett jissottometti li huwa ma giex debitament notifikat kif miltlub mill-ligi u ghalhekk ma kienx f'possibilita' illi jidher ghas-seduti tal-kawza fl-ismijiet premessi u jipprezenta r-risposta u eccezzjonijiet tieghu. Inoltre, minkejja li l-konvenut ma giex notifikat kif inhu rikjest, il-kawza xorta nstemghet u nqghatet minghajr il-presenza tieghu;

Illi minkejja illi fuq l-atti tal-kawza, hemm annotat u assigurat illi l-atti ta' notifika tal-kawza gew mqassma lil intimati fil-kawza odjerna, kienet biss Catherine Micallef illi irceviet dawn l-atti, u li hija tenut kont tal-kundizzjoni medika taghha, QATT

ma gharrfet lil hadd dwar dawn l-istess atti lilha mqassma mill-purtier;

Illi r-rittrattant lanqas ma kien fil-kapacita' li jinterponi appell minn dina s-sentenza u dan ghaliex huwa sar jaf b'dina s-sentenza ferm wara li kien ghalaq it-terminu preskritt fejn huwa setgha jipprezenta – rikors ta' l-appell;

Illi l-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors huwa s-segwenti:

i. Illi permezz ta' rikors numru 58/2006 GG, fl-ismijiet sucitati, l-attur intavola rikors fejn talab lil dana l-Bord sabiex jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-fond 120, Triq Blanche Huber, Sliema, filwaqt li jordna l-izgumbrament tal-esponent mill-istess fond, bl-ispejjez kontra r-ritrattant;

ii. Illi wara li gie pprezentat dan ir-rikors, l-esponent ma giex innotifikat b'mod xieraq u validu u dan ghaliex il-procedura kif kontemplata fl-artikolu 187 (1) tal-Kap 12 tipprovdi illi 'izda l-kopja ma tistax tithalla f'idejn persuna jew f'idejn persuna li minhabba mard tal-mohh ma tistax taghti xhieda ta' dik in-notifika.

iii. Illi mart l-esponent, cioe' Catherine kagun ta' stat mediku li tinsab fih, u li dwaru jista jkun iccertifikat minn esperti fil-qasam psikjatriku, qatt ma wriet xejn lil hadd mill-familja taghha, cioe lil zewgha stess l-esponent Joseph Micallef, u li kieku dan kien mgharraf b'xi atti dwar dina l-kawza, kien certament jintavola l-eccezzjonijiet tieghu u r-risposta relatata. L-esponent qatt ma kien konxju tal-fatt illi l-attur baghat xi ittri ufficjali jew li l-attur pprezenta r-rikors promotur ta' dina l-kawza quddiem il-Bord;

iv. Illi l-esponent sar effettivament jaf bl-ezitu ta' dina l-kawza meta fis-7 ta' Marzu, 2008

huwa kien irceva mandat ta' zgumbrament sabiex huwa jizgombra mill-fond imsemmi;

v. Illi ghalhekk minkejja t-terminu stabbilit mill-Ligi sabiex jipprezenta rikors t'appell kien lahaq ghalaq hu ma kellux rimedju iehor ghajr milli jinterponi minn dan l-umli rikors ta' ritrattazzjoni.

Ghaldaqstant, ir-ritrattant qieghed umilment u bir-rispett jitlob lil dan il-Bord sabiex joghgbu;

1. Jiddikjara illi a bazi tal-premess jezistu regunijiet validi ghal ritrattazzjoni skond kif tikkontempla l-Ligi a tenur ta' l-Artikolu 811(a)(b) u (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Thassar u tannulla u tirrexxindi u tirrevoka s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet Andrew Meli bhala prokuratur ta' l-assenti Anne Meli nee' Borg vs Joseph u Catherine konjugi Micallef

3. Tordna s-smiegh mill-gdid tal-kawza hawn fuq imsemmija

Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull azzjoni fil-Ligi.

Ra wkoll ir-risposta ta'Andrew Meli li jghid:

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, ir-rikors intavolat huwa null u invalidu ai termini tal-artikolu 815 tal-Kap 12 u dan peress li gie pprezentat biss rikors u mhux rikors guramentat kif jitlob dan l-artiklu, konsegwentement ghandu jigi michud;

Illi minghajr pregudizzju ghal dak li se jigu eccepit aktar 'l quddiem, it-talba ghar-ritrattazzjoni qieghda ssir unikament minn Joseph Micallef u ghalhekk id-decizjoni ta' nhar it-12 ta' Dicembru, 2007 su riferita, moghtija minn dan il-Bord

ghandha tibqa' veljanti u valida fil-konfront ta' Catherine Micallef u dan peress li ma hemm ebda rikors intavolat da parti taghha u ghalkemm hemm talba ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza fl-intier taghha, il-gudizzju mhux integru minhabba n-nuqqas ta' Catherine Micallef f'dawn il-proceduri;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba kif intavolata minn Joseph Micallef m'hiex cara kif titlob il-Ligi kif ukoll hija kontradittorja peress li qed titressaq abbazi tal-artikolu 811(a), 811(b) u 811(c), liema tliet sub-artikoli huma kontradittorji ghal xulxin;

Illi di piu' l-premessi imressqa fir-rikors, ma humiex kompatibbli mat-talbiet u dan peress li ssir riferenza ghan-nuqqas ta' notifika izda ma hemm ebda riferenza ghar-ragunijiet ghalfejn qed jigu invokati il-paragrafi 811(a) u 811(c)

<u>Eccezzjonijiet fil-Mertu</u>

Illi subordinatament u minghajr regudizzju ghall-premess, it-talba ta' Joseph Micallef hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez ghaliex m'hiex ghajr azzjoni gudizzjarja ohra tentata u manovrata sabiex l-esponent ghan-nom ta' Anne Meli nee' Borg ma jirriprendiex il-fond, u mhux ghaliex jezistu fil-ligi l-bazi ghar-ritrattazzjoni kif previst taht l-artikolu 811 tal-Kodici ta' Procedura u Organizazzjoni Civili.

Illi Catherine Micallef ma tbati minn ebda infermita' mentali li tannulla n-notifika tal-proceduri.

Illi qatt ma saru proceduri ghall-interdizzjoni jew l-inabilitazzjoni ta' Catherine Micallef.

Illi Catherine Micallef, li qed tallega l-infermita' mentali, m'hiex qed taghmel talba ghat-thassir tas-sentenza inkwistjoni u min qieghed iressaq ir-

rikors ta’ ritrattazzjoni ma jbati minn ebda infermita’ mentali;

Illi Catherine Micallef akkumpanjata minn binha kienet avvicinata lill-avukat sottoskritt biex thallas il-kera li hija dovuta u jkun hemm terminu itwal ghall-izgumbrament mill-istess fond. Illi peress li din il-proposta ma gietx accettata minn Andrew Meli, wara xi jiem gew intavolati dawn il-proceduri u dan bl-iskop car li tigi sospiza l-ezekuzzjoni tal-mandat ta’ zgumbrament.

Illi dawn il-proceduri gew intavolati wara li l-marixxal ittenta darbtejn biex jesegwixxi l-izgumbrament mill-imsemmi fond.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta’ Joseph Micallef ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-esponent fl-ebda hin tul il-proceduri fl-atti tar-rikors 58/06GG deciz nhar it-12 ta’ Dicembru, 2007, m’agixxa bi ksur tad-dispozizzjoni ta’ l-artikolu 811 (a),(b) u (c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-esponent jaf il-fatti esposti personalment.

Salv eccezzjonijiet ohra, bl-ispejjez kollha kontra Joseph Micallef li minn issa huwa ingunt biex jixhed in subizzjoni.

Semgha lill-partijiet;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi din hija sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mir-ritrattat dwar in-nullita tar-rikors stante li dan mhux guramentat ai termini tal-artikolu 815 tal-Kap 12;

Illi r-ritrattandi adixxew lil dan il-Bord taht id-dispost tal-artikolu 811(a) (b) u (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Minkejja li r-ritrattat ma ssolleva ebda eccezzjoni dwar dan, il-Bord qieghed *ex offico* jiddikjara in-nullita tar-rikors stante li din il-materja ma tistax tkun vantata quddiem dan il-Bord;

L-artikolu 42 tal-Kap 69 jippreskrivi id-dritt lil kull minn jadixxi lill- Bord li Jirregola l-Kera, jerga’ jisma mil-gdid rikors minnu deciz fil-kaz **unikament** fejn il-parti l-ohra tkun ottjeniet sentenza fuq dikjarazzjoni falza. Fil-kaz in dizamina, Joseph Micallef talab lil dan il-Bord jiddikjara illi s-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismjiet Andrew Meli nomine vs Joseph u Catherine konjugi Borg, (Rik Nru 58/2006JC) fit-12 ta’ Dicembru 2007 *inter alia* ittiehdet b’qerq tar-ritrattand bi hsara ta’ Joseph Micallef a tenur tal-Artikolu 811(a) (b) u (c) tal-Kap 12;

Illi skond l-insenjament tal-Qrati taghna, ara **Peter Borg vs Emanuel Busuttil (App 12/01/05)**, **Commonwealth Educational Society Limited vs Adriana Camilleri (App 10/01/2003) u Mildred Ferando vs Loris Bianchi pro et noe (App 12/05/2003)** hemm ravvizat b’carezza u logika li talba ghal-ritrattazzjoni quddiem il-Bord li Jirregola il-Kera tista’ ssir **biss** ghar-raguni unika kif provdut fl-artikolu 42 tal-Kap 9 u bil-procedura hemm indikata, altrimenti, kull talba ghal-ritrattazjoni li taqa’ ‘l hinn minn dak il-parametru tista’ ssir biss b’citazzjoni quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili.

Il-Bord mhux kompetenti jisma u jiggudika dwar talbiet ghar-ritrattazzjoni meta dawn isiru ghar-ragunijiet msemmija fl-artikolu 811 tal-Kap 12 u dan qed ikun solllevat ghaliex li kieku l-Bord kellu jitratta r-rikors meta adit taht dak il-provediment, ikun qed jassumi poteri li mhumiex kompetenti lilu.

> Ghal dawn il-mottivi ir-rikors qed ikun dikjarat null u bla effett;
>
> Bl-ispejjez kontra Joseph Micallef"

L-appell tar-rikorrenti minn din is-sentenza huwa kkoncentrat kontra r-ragonament tal-Bord fejn dan iddetermina l-kawza tar-ritrattazzjoni sottoposta lilu fuq il-bazi ta' l-inkompetenza minnu stess sollevata illi l-Bord adit ma setax jikkonsidra r-revokazzjoni tas-sentenza jekk mhux ghar-rimedju uniku provvdut mill-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69;

Kontra dan l-appell it-twegiba tar-ritrattati hi fis-sens illi l-istess appell huwa irritwali ghaliex ma kellux isir ukoll minn Catherine Micallef gjaladarba t-talba tar-ritrattazzjoni lill-Bord ma saretx ukoll minnha izda unikament mir-ritrattand Joseph Micallef.  Fl-istess waqt ir-ritrattati intavolaw huma ukoll appell incidentali in kontestazzjoni tal-gudizzju tal-Bord ghaliex dan naqas milli jippronunzja ruhu in rigward ta' l-eccezzjonijiet preliminari minnhom sollevati;

Fuq l-eccezzjoni ta' l-irritwalita`, il-Qorti filwaqt li tikkonkorda ma' l-appellati illi Catherine Micallef ma kellhiex tikkonfigura bhala appellanti fil-proceduri gjaladarba t-talba tar-ritrattazzjoni ma saretx ukoll minnha, ma tarax illi b'daqshekk l-appell jista' jitqies null u irritwali b'mod assolut.  Din il-komparsa taghha bhala appellanti ma tincidix fuq il-validita ta' l-appell introdott ukoll minn Joseph Micallef.  Tutta 'al piu` l-qaghda tista' tikkostitwixxi semplici irregolarita` imma mhux kawza ta' nullita` billi ma taffettwax l-ezistenza tar-rekwiziti minimi indispensabbli ghall-proposizzjoni ta' l-appell.  Hu principju dottrinali sew traccjat f'bosta sentenzi ili, anzikke annullati, l-atti ghandhom jigu salvati anke ghaliex, kif enuncjat, in-nullita` "*é un mezzo estremo*" u odjuz u l-Qorti ghandha ttendi ghall-konservazzjoni ta' l-att u mhux dik tan-nullita` tieghu.

Ara, ad ezempju, "**Mro. Giuseppe Scicluna -vs- Teresa Baldacchino**", Appell Civili, 16 ta' Dicembru, 1874 u "**Anthony Richard Calleja *nomine* -vs- Joseph Mamo *proprio et nomine***", Appell Kummercjali, 15 ta' Dicembru, 1952. L-eccezzjoni qeghda ghalhekk tigi rigettata;

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tinvesti l-appell incidentali qabel dak principali tar-ritrattand. Huwa evidenti mill-korp tas-sentenza appellata illi l-Bord ma okkupax ruhu mill-eccezzjonijiet preliminari sollevati mir-ritrattati fir-risposta taghhom ghar-rikors promotur ipprezentat. Huwa veru li fil-bidu tal-konsiderazzjonijiet tieghu l-Bord beda biex jghid illi "din hija sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari dwar in-nullita` tar-rikors stante li dan mhux guramentat ai termini ta' l-Artikolu 815 tal-Kap. 12", imma, imbaghad, spicca biex ma investiex din l-eccezzjoni;

Naturalment, skond l-*iter* prosegwit mill-Bord dan ma jfisserx li l-appellat ghandu ragun fl-assunt tieghu bl-appell incidentali. Una volta li l-Bord *marte proprju* issolleva l-inkompetenza tieghu, ma kienx la fl-ordni guridiku u lanqas fl-ordni logiku illi hu jghaddi imbaghad biex jinvesti dawk l-eccezzjonijiet preliminari, ghax una volta dikjarata minnu l-inkompetenza tieghu ma kienx jaghmel sens illi hu jinkariga ruhu mill-istharrig ta' dawk l-eccezzjonijiet. L-appell incidentali qieghed konsegwentement jigi respint;

Premess dan, ma jfisserx illi l-Bord ghamel sew li ddikjara l-inkompetenza tieghu ghal dik ir-raguni minnu prodotta fis-sentenza appellata;

Certament il-Bord ma kien xejn preciz fl-asserzjoni illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni quddiemu l-Bord kien wiehed koncess u limitat ghall-kaz uniku prospettat fl-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69. Dan ghaliex, kif ritenut, "dan il-Bord dejjem ha konjizzjoni ta' ritrattazzjoni bazata fuq motivi ohra, u anzi fuq il-motivi kollha kontemplati fl-Artikolu 828 (illum Artikolu 811) tal-Ligijiet ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u biex jaghmel hekk il-Bord sab

gustifikazzjoni fid-disposizzjoni generika u generali ta' l-Artikolu 21 ta' l-Ordinanza XXI ta' l-1931 ..." ("**Anthony Cassar -vs- Flora Mifsud**", Appell Civili, 5 ta' Frar, 1945). Ghaldaqstant, "purke jkun jirrikorri xi wiehed mill-motivi tassattivament stabbliti mil-Ligi tal-Procedura, ir-ritrattazzjoni, skond dik il-ligi, hi kompetenti anki fil-kaz tas-sentenza tal-Bord" ("**Francis Farrugia -vs- Nazzareno Grech**", Appell Civili, 7 ta' April, 1961);

F'dawn l-ahhar zmenijiet din l-istess Qorti gja kellha okkazjoni tezamina anke *funditus* kwestjoni konsimili ghal dik ventilata mill-appellanti, u rragonat ukoll fuq kull wahda mid-decizjonijiet li l-Bord ghogbu jiccita ghas-sostenn tal-konkluzjoni tieghu. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti toqghod tirrepeti l-hsebijiet taghha fuq il-materja. Tillimita ruhha biex ghall-istanza odjerna taghmel applikabbli l-konsiderazzjonijiet minnha zvolti fis-sentenzi fl-ismijiet "**Mary Grace Vassallo -vs- John Axiaq**", 27 ta' Frar, 2009 u "**Angela Mangion -vs- Gustavo Sciortino *proprio et nomine***", 13 ta' Frar, 2009.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tichad sew il-pregudizzjali tan-nullita` sollevata mill-appellat kif ukoll l-appell incidentali tieghu, tilqa' l-appell principali ta' l-appellanti, thassar ghal kollox is-sentenza appellata li ddikjarat l-inkompetenza tal-Bord u tghaddi biex tirrimetti l-atti tal-kawza lill-istess Bord li Jirregola l-Kera ghad-definizzjoni u decizjoni minnu tat-talba ghar-ritrattazzjoni sottoposta lilu mir-ritrattand u ta' l-eccezzjonijiet ghaliha mill-appellat ritrattat. F'dawn ic-cirkustanzi huwa xieraq li l-ispejjez ta' dan l-incident fiz-zewg istanzi tieghu jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------